MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 642/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113)**

**vs**

**St. George's (Catering) Limited (C 6386) u Mark (I.D. No. 683261 (M)) u Janice (I.D. No. 497961 (M)) mizzewgin Spiteri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Awwissu 2004 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittax-il elf disa' u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm16,089.86 = €37,479.29), bilanc

minn somma ikbar, skont *statement of account* (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. “A”) u liema somma tirraprezanta valur ta’ prodotti ta’ xorb li l-istess socjeta` konvenuta xtrat minghand is-socjeta` attrici, u dan in segwitu *credit application* tal-15 ta’ Marzu 2002 (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok “B”), li s-socjeta` konvenuta ghamlet mal-istess socjeta` attrici.

Illi permezz tal-*credit application* (Dok. “B”), surreferita, il-konvenuti ggarantixxew soldalment mas-socjeta` konvenuta l-hlas lura tal-imsemmi debitu, skont kif hemm ahjar deskritt.

Illi l-konvenuti Mark u Janice mizzewgin Spiteri ghandhom ukoll jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u tnejn u hamsin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1,152,52), skont *statement of account* (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. “C”, u liema somma tirrapprezenta valur ta’ prodotti ta’ xorb li l-istess konvenuti xtraw minghand is-socjeta` attrici.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi, biex ihallsu l-imsemmija debiti, izda baqghu inadempjenti.

Illi kull wiehed mill-imsemmija ammonti huwa kreditu cert, likwidu u dovut, u, fil-fehma tas-socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**), sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi, fil-fehma tal-istess socjeta`, il-konvenuti m’ ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba tal-hlas tal-ammonti msemmija.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet tal-**artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

2. Tiddikjara li l-konvenuti (u cioe` s-socjeta` konvenuta min-naha u l-konvenuti Mark u Janica

mizzewgin Spiteri min-naha ohra), solidalment bejniethom, ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittax-il elf disa' u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm16,089.86 = €37,479.29), u dan *oltre* l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

3. Tikkundanna lill-konvenuti (u cioe` s-socjeta` konvenuta min-naha u l-konvenuti Mark u Janice mizzewgin Spiteri min-naha ohra), solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittax-il elf disa' u tmenin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm16,089.86 = €37,479.29), u dan *oltre* l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

4. Tiddikjara li l-konvenuti Mark u Janice mizzewgin Spiteri wehidhom ghandhom jaghtu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1,152.52 = €2684.65), u dan *oltre* l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

5. Tikkundanna lill-konvenuti Mark u Janice mizzewgin Spiteri wehidhom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u hamsin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm1,152.52 = €2684.65), u dan *oltre* l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.

Bl-ispejjez kollha, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tat-12 ta' Awwissu 2004 ipprezentat kontra l-konvenuti, u bl-imghaxijiet kummercjali, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.
Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-tieni u t-tielet talba attrici ghall-ammont ta' €32,238.84 *stante* pagament akkont fil-mori tal-kawza u fejn gew ceduti ir-raba' u hames talbiet attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-tieni u tielet talba kif ridotti.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-tieni u tielet talba kif ridotti jirrizultaw pruvati.

Illi ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u tal-hames talba attrici *stante* ic-cessjoni taghhom, tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet l-ohra tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, mitejn u tmienja u tletin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€32,238.84), bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------